MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 4/2001/1

**John maghruf bhala Ivan Gravina**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Apell tar-rikorrent datat 20 ta' Marzu 2001 a fol. 2 fejn gie premess:-

Dan hu appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu 2001 fil-kaz fl-ismijiet premessi f'liema dak l-Onorabbli Bord cahad l-Appell interpost mill-istess appellant mir-rifjut ta' l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' l-izvilupp f'sit Triq Gharghur, Iklin u kkonferma r-rifjut ta' l-istess permess.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qed jinterponi umili appell minnha ghal quddiem din il-Qorti ta' l-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-ewwel Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda kollox f'paragrafu qasir fejn intqal li l-Bord jaqbel mar-ragunijiet tar-rifjut moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghal cahda ta' din l-applikazzjoni. U senjatament iddecieda li dan l-izvilupp ma kienx permess illi kien jinsab barra miz-zona permessa ghall-izvilupp tul il-*conservation area*.

Illi l-esponent jidhirlu li dan il-kaz gie deciz malament u kontra l-ligi billi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar naqas li jqis il-fatturi kollha li jinpingu fuq dan il-kaz u ghalhekk wasal ghal decizjoni zbaljata fil-ligi.

Il-punt importantisimmu li ghandu jigi kunsidrat hija li l-*area* in kwistjoni ghalkemm tinsab barra miz-zona permessa ghal l-izvilupp hija fil-fatt veru li diga tinsab *committed* ghall-izvilupp bil-bini u kostruzzjonijiet li hemm go fiha u l-uzu li qieghed isir minnha. Dawn l-uzi li qeghedin isiru f'din l-*area* huma wkoll muniti bil-permessi relattivi u huma kollha qeghdin skond il-ligi. Tali fattur kellu jinghata l-piz tieghu fil-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Bord biex tirrispetta l--ligi. Il-Bord kompletament injora dan il-fattur. Partikolari huwa utili li wiehed jerga' jinnota hawnhekk kif gia gie sottomess li l-esponent ghandu f'idejh ir-Razzett l-Abjad li huwa mibni bil-permessi kollha rikjesti mill-ligi inkluzi dawk tal-Awtorita` tal-Ippjanar u tal-Pulizija biex jopera bhala sala tat-tigijiet u affarijiet simili. Tali ambjent jirrikjedi post fejn jigu parkeggati l-karozzi u l-ghalqa vicin l-istess razzett kienet minn dejjem gja qabel l-1991 uzata ghal dan l-iskop. F'dak iz-zmien biex tuza' ghalqa fejn jistghu jigu parkeggati l-karozzi ma kien hemm mehtieg l-ebda permess.
Ghalhekk dan il-fattur kellu jinghata l-piz tieghu mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar biex huwa jkun jista' jasal ghad-decizjoni gusta. Fil-fatt dan il-fattur gie kompletament

injorat u lanqas biss issemma id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Kien kompitu ta' l-istess Bord fil-ligi li r-ragunijiet migjuba il-quddiem mill-Appellant ghaliex ir-rifjut ghandu jigi mnehhi u minflok il-permess jigi milqugh jigu verament konsidrati mill-Bord u jinghata l-Appellant raguni ghaliex dawk ir-ragunijiet ma kienux sewwa u korretti. Fil-fatt ir-ragunijiet migjuba il-quddiem mill-appellant ghas-sottomissjoni tieghu lill-Bord tal-Appell dwar l-lppjanar ma jiffiguraw bl-ebda mod fiddecizjoni ta' l-istess Bord almenu f'dik il-parti fejn il-Bord ittratta u ddecieda. Ghalhekk wiehed ghandu x'jifhem li dawk ir-ragunijiet ma gewx verament konsidrati u meqjusa mill-istess Bord tal-Appell. Il-fatt li dawk ir-ragunijiet gew *"pasted"* ghal go d-decizjoni ma jfissirx li dawk ir-ragunijiet gew effettivament konsidrati u meqjusa kif trid il-ligi. Ghalhekk id-decizjoni tal-istess Bord hija wahda nulla u monka fil-ligi ghax tonqos milli tikkunsidra r-ragunijiet migjuba l-quddiem mill-Appellant u taghmel decizjoni fuqhom. Il-Bord kellu obbligu li jindirizza mohhu ghal dawk ir-ragunijiet u jghid ghaliex dawk ir-ragunijiet ma kienux tajba bizzejjed biex wiehed jaghti l-permess kif mitlub. Minn dan il-Bord ma ghamel xejn, rabat qalbu mar-ragunijiet migjuba mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-lzvilupp u skarta minghajr ma kkunsidra r-ragunijiet migjuba l-quddiem mill-Appellant. Dan kien doppjament skorrett u jrid jigi sottomess bir-rispett sija billi b'dan il-mod il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar naqas li jaghti konsiderazzjonijiet ghall-ilmenti tal-Appellant sija wkoll billi naqas li jikkunsidra kif kien obbligat li jaghmel li permess setgha johrog barra miz-zona permessa ghall-izvilupp meta l-*area* in kwistjoni tkun diga tinsab *committed* ghall-izvilupp xorta ohra. Dan il-punt jinsab gja deciz f'diversi decizjonijiet ohra u l-Bord messu ta' piz lil dan il-fattur li kien iwasslu ghall-konkluzjoni ben diferenti minn dik ghall-liema wasal.

Inoltre jigi sottomess bir-rispett li l-Bord naqas ukoll li jikkunsidra li skond il-*local plan* li jigi issa pubblikat l-*area* in kwistjoni tinsab immarkata ghall-izvilupp u mhiex immarkata izjed bhala *area* barra mill-izvilupp. Anke dan il-fattur kellu jinghata l-importanza tieghu mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u l-fatt li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar

kompletament injora dan il-fattur imissu jwassal ghal nullita ta' dik id-decizjoni.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu 2001 fil-kaz fl-ismijiet premessi fuq citata u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka l-istess decizjoni tilqa' l-applikazzjoni tal-appellant ghal hrug ta' permess lilu kif mitlub.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 5 sa 16 tal-process;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata 7 ta' Mejju 2001 a fol 18 tal-process:

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni hi gusta stante li fiha hemm ragunijiet ibbazati fuq *planning policies* ghax ghandu jinghata rifjut;

L-istess appellant meta appella ma appellax fuq argumentazzjoni li qed jingieb f'appell li l-istess ma kienx jirrikjedi permess u ovvjament il-Bord ma indirizzax haga li ma gietx imqajma quddiemu iktar u iktar meta dan hu appell minn rifjut ghal applikazzjoni ta' li stess appellant biex jibni *boundary wall* u jikkonverti ghalqa f'*parking area*;

Illi l-aggravji l-ohra kollha huma konsiderazzjonijiet ta' fatti u *policies*, li ghax il-Bord ma qabilx ma' l-appellant, l-appellant jghid li ma gewx ikkonsidrati, haga li mhux minnha meta wiehed jikkonsidra r-ragunijiet talli l-Bord ma laghax l-appell;

Ghaldaqstant, l-appellati filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi gja prodotti u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-appell intavolat u tikkonferma d-decizjoni fl-ismijiet fuq premessi tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu, 2001;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2002;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 22 ta' April 2003, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet "Ivan Gravina kontra Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' erbghin gurnata lill-appellant biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin gurnata biex jirrispondu u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2002;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-appellant applika *"to construct a boundary wall in lieu of dilapidated existing boundary wall and to convert abandoned area into a parking area"* f'sit fi Triq Gharghur, Iklin. L-applikazzjoni giet michuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u sussegwentement mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2001.

Illi fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp eccepiet illi dan l-appell hu null peress li mhux ibbazat fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Illi infatti **s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att 1 ta' l-1992** ighid testwalment illi:-

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista’ jigi pprezentat biss flimkien ma’ appell mid-decizjoni finali tal-Bord.”*

Illi inoltre’ fil-kawza **“Marie Louise Farrugia vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (App.Nru:36/01/RCP – 24/2/03) saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** deciza fid-9 ta’ Frar 2001 fejn intqal illi :-

*“Meta, fl-investigazzjoni ta’ applikazzjoni ghall-permess ta’ l-izvilupp, issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga’ jezisti zvilupp, bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita’ u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta’ investigazzjonijiet ta’ drittijiet fondamentali, izda unikament fl-ambitu ta’ konsiderazzjonijiet ta’ l-ippjanar, u cioe’, biex jaraw jekk, tenut kont ta’ l-izvilupp attwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigi akkordat.’*

Illi ghal dak li huwa l-kaz odjern fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar gie deciz:-

*“Illi l-Bord jaqbel mar-ragunijiet tar-rifjut moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ghac-cahda ta’ din l-applikazzjoni. B’mod partikolari, l-Bord jinnota li l-boundary wall ga nbena; li s-sit mertu ta’ dan l-appell jinsab barra miz-zona permessa ghall-izvilupp f’rural conservation area; li l-izvilupp propost huwa wiehed urban u m’huwiex ghal uzu agrikolu, l-proposta ma tikkontribwixxix ghad-design characteristics ta’ l-area li hija wahda rurali, din it-tip ta’ zvilupp mhux permess mill-policies SET 11 u SET 12 u l-paragrafu 7.6 tal-Pjan ta’ Struttura li jirristringi l-urbanizzazzjoni tal-kampanja.”*

Illi minn qari ta’ dan il-paragrafu diga’ jidher li dan l-appell huwa inammissibbli billi fid-decizjoni appellata m’hemm ebda punt ta’ dritt li fforma xi kontroversja u li kien hemm bzonn li jigi diskuss u definit quddiem l-istess Bord tal-Appell. Ghall-kuntrarju, id-decizjoni appellata sempliciment tirreferi ghall-*policies* SET 11 u SET 12 u l-paragrafu 7.6 tal-Pjan ta’ Struttura u tapplika l-istess ghall-fatti li rrizultaw lill-Bord. Dan certament ma jikkostitwixxix punt ta’ dritt deciz mill-Bord tal-Appell.

Illi infatti kif inghad fis-sentenza **“Tonio Azzopardi vs l-Awtorita’ tal-Ippjanar”** (28/01/RCP – 28/10/02):-

*“Illi l-fatt li fid-decizjoni tieghu l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jaghmel referenza ghal xi policies jew regolamenti, dan ma jkun bl-ebda mod ifisser li jkun qieghed jiddetermina xi punt ta’ dritt. Wara kollox, il-Bord ta’ bilfors irid japplika u jibbaza ruhu fuq il-varji disposizzjonijiet tal-policies u regolamenti relattivi sabiex jiddetermina l-appelli li jkun qieghed jiddetermina, izda huwa biss fl-eventwalita’ li fis-sentenza tieghu l-Bord jaghmel valutazzjoni ossija apprezzament ta’ xi punt ta’ dritt li din il-Qorti tkun tista’ tissindika d-decizjoni tieghu.”*

Illi l-appellant min-naha tieghu sostna li l-Bord naqas li jqis il-fatturi kollha tal-kaz. Huwa sostna li punt importantissimu li kellu jigi kkunsidrat kien li l-*area* in kwistjoni ghalkemm tinsab barra miz-zona permessa ghall-izvilupp hija f’*area* li diga’ tinsab *committed* ghall-izvilupp bil-bini u kostruzzjonijiet li hemm go fiha u l-uzu li qieghed isir minnha u dawn huma muniti bil-permessi relattivi. Illi hawnhekk tajjeb jinghad li minn ezami tal-atti quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ezebiti fil-process odjern ma jirrizultax li l-appellant gab xi provi dwar dan il-punt. Huwa kkonstata dan il-punt izda waqaf hemm u ma ssostanzjah bl-ebda mod. Kwindi ma jissemmiex fid-*decide* tas-sentenza tal-Bord ghax evidentement l-appellant innifsu ma kienx bizzejjed konvint minn dak li kien qed isostni jew inkella ma kellu l-ebda provi tangibbli dwaru. Illi li kieku huwa ressaq il-provi necessarji allura skond il-gurisprudenza, inkluza dik ta’ **“Marie-Louise Farrugia vs Il-Kummissjoni ghall-**

**Kontroll ta' l-Izvilupp"** (36/01/RCP – 24/2/03) il-Bord kellu jinvestiga l-punt u l-kwistjoni kienet tkun mod iehor. Illi madankollu din hija biss parentesi ghax ladarba dan il-punt ma giex ittrattat mill-Bord allura m'hemmx appell dwaru quddiem din il-Qorti minhabba l-gurisdizzjoni limitata mposta fuqha bil-ligi.

Illi l-appellant kompla billi sostna li r-Razzett l-Abjad ghandu l-permessi kollha rikjesti mill-ligi nkluzi dawk tal-Awtorita' tal-Ippjanar u tal-Pulizija biex jopera bhala sala tat-tigijiet u affarijiet simili. Illi huwa ghalhekk li tali ambjent jirrikjedi post fejn il-karozzi jkunu jistghu jipparkjaw. Dan itaffi l-problema tal-parkegg. Inoltre' gab l-argument li dan l-uzu ghall-post bhala *car park* huwa wiehed ancillari ghall-uzu principali li qieghed jaghmel mill-proprjeta' tieghu u ghalhekk permess mill-*policies.* Inoltre' qal li din l-ghalqa vicin l-istess razzett kienet minn dejjem gia qabel l-1991 uzata ghal dan l-iskop u dak iz-zmien ma kienx mehtieg. Illi dawn l-argumenti huma kollha fattwali u ghalhekk huma inammissibbli sabiex jigi bbazzat appell quddiem din il-Qorti fuqu. Izda din il-Qorti tkompli zzid li mis-sentenza jidher car li lanqas mhi minnha l-allegazzjoni tal-appellant li l-Bord naqas li jikkunsidra tali fatturi. Il-Bord spjega fid-decizjoni tieghu illi kien qed jikkonferma r-rifjut ghall-permess minhabba li *"s-sit mertu ta' dan l-appell jinsab barra miz-zona permessa ghall-izvilupp f'rural conservation area; li l-izvilupp propost huwa wiehed urban u m'huwiex ghal uzu agrikolu, l-proposta ma tikkontribwixxix ghad-design characteristics ta' l-area li hija wahda rurali".* Ukoll, il-Bord iddikjara li kien qed jaqbel mar-ragunijiet tar-rifjut moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li fost ragunijiet ohra kienet elenkat is-segwenti:-

*"1. The proposal is not essential to, nor does it enhance agricultural, ecological, or scenic interests.*

*2. The proposed development would run counter to this scheme and would represent unacceptable urban development in the countryside.*

*3. The development does not fall into a category of non-urban development which may be permitted outside existing or committed built-up areas in accordance with para.7.6 of the Structure Plan.”*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-fatt liema ligi hija applikabbli, bizzejjed wiehed jirreferi ghal **“Paul Vassallo vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (App.Nru 3/01/RCP – 28 ta’ Ottubru 2002) fejn il-Qorti iddecidiet illi z-zmien relevanti hu z-zmien ta’ meta sar il-bdil ta’ uzu u mhux iz-zmien meta nharget l-ewwel darba l-istess licenzja. Illi fil-kaz in kwistjoni l-izvilupp li qed jintalab isir huwa issa meta l-ligi applikabbli hija l-**Att Nru 1 tal-1992**. Hemm infatti gurisprudenza fis-sens li l-Bord irid japplika l-ligi vigenti fiz-zmien meta jkun se jiehu d-decizjoni, u kwindi m’hemm l-ebda dubju li l-ilment tal-appellant f’dan is-sens huwa wiehed frivolu.

Illi l-istess jinghad ghall-ilment tieghu li semma fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu illi l-Bord naqas li jikkunsidra li skond il-*local plan* li jigi issa pubblikat l-*area* in kwistjoni tinsab immarkata ghall-izvilupp u mhux immarkata izjed bhala *area* barra mill-izvilupp. Apparti l-fatt li lanqas provi dwar dan ma ressaq, dan huwa kollu fattwali u li jaqa’ fl-ambitu ta’ interpretazzjoni li tispetta lill-Bord ghall-fatti li jkollu quddiemu u li kwindi ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti fil-vesti taghha fil-kawza odjerna; dan apparti li tali allegata *local plan* ghadha mhijiex in vigore.

Illi fl-ahharnett, l-appellant fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu jillamenta hekk:-

*“Huwa sintomatiku li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell irriproduca r-ragunijiet li gab il-quddiem l-appellant imma bl-ebda mod ma ddiskutihom jew b’xi mod deher li qieghed johodhom in konsiderazzjoni jew jevalwhom. Imma kien obbligu preciz tal-Bord li jaghmel dan, u n-nuqqas li jaghmel dan mhux biss huwa ksur tal-ligi imma anke nuqqas li l-appellant jinghata smiegh xieraq quddiem l-istess Bord.”*

Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **"Manuel Gauci vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (16/01/RCP – 28 t'Ottubru 2002) fejn il-Qorti tenniet:-

*"Illi dwar procedura quddiem l-istess Bord, huwa ovvju li skond ir-regolamenti u l-ligi vigenti l-istess Bord jirregola l-procedura ta' quddiemu w apparti l-fatt li fl-istess procedura u smiegh quddiem il-Bord din il-Qorti ma rravizat l-ebda ksur tal-principju tal-gustizzja naturali (<u>dan japplika wkoll ghall-kaz odjern)</u>, xorta jibqa' l-fatt li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal dak li jipprovdi l-artikolu 15 tal-356 fuq citat u hawn issir referenza ghas-sentenza "Charles Mangion vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" (A.C. 11 ta' Mejju 1998 – App. Nru 40/97) fejn inghad li :-*

*"… … Fuq din l-allegazzjoni l-ligi ma taghtix dritt ta' appell lil din il-Qorti, billi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, f'appelli bhal dawn hija wahda limitatissima u cioe' derivanti biss minn punt ta' ligi deciz mill-Bord."*

Illi din il-Qorti zzid tghid li jista' jkun li hemm rimedju fuq allegazzjoni ta' ksur ta' principji tal-gustizzja naturali fis-smiegh quddiem il-Bord quddiem il-Qrati ta' kompetenza ordinarja, izda mhux quddiem din il-Qorti tal-Appell. Dan gie enunzjat fis-sentenza **"Ludwig Camilleri noe vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 – App Nru 607/94), kif ukoll f' **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. 30 ta' Mejju 1997 – App Nru 31A/96). Kwindi anki dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Illi fl-isfond ta' dan kollu l-appell ta' l-appellanti odjern ghandu jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati kontenuta fir-risposta tas-7 ta' Mejju 2001, u **tichad l-appell** interpost mill-appellanti fir-rikors tieghu tal-

20 ta’ Marzu 2001, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti appellant.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------